Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1189/2011

tat-18 ta' Novembru 2011

li jistabbilixxi regoli dettaljati f'relazzjoni ma' ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE dwar l-għajnuna reċiproka għall-irkupru ta' talbiet relatati ma' taxxi, dazji u miżuri oħra

(ĠU L 302, 19.11.2011, p. 16)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1966 tas-27 ta' Ottubru 2017	L 279	38	28.10.2017

▼B

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1189/2011

tat-18 ta' Novembru 2011

li jistabbilixxi regoli dettaljati f'relazzjoni ma' ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE dwar l-għajnuna reċiproka għall-irkupru ta' talbiet relatati ma' taxxi, dazji u miżuri oħra

KAPITOLU I

ID-DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 5(1), l-Artikoli 8, 10, 12(1), l-Artikolu 13(2), (3), (4) u (5), l-Artikoli 15, 16(1) u 21(1) tad-Direttiva 2010/24/UE, inkluż ir-regoli dettaljati dwar il-konverżjoni, it-trasferiment tas-somom irkuprati, kif ukoll il-mezzi li bihom il-komunikazzjonijiet bejn l-awtoritajiet jistgħu jiġu trażmessi.

Artikolu 2

1. It-talbiet kollha għall-informazzjoni, in-notifika, l-irkupru jew il-miżuri kawtelatorji skont l-Artikoli 5(1), 8, 10 u 16(1) tad-Direttiva 2010/24/UE (minn issa 'l quddiem imsejħa "it-talbiet għal għajnuna" u l-istrumenti, formoli u dokumenti oħra kollha akkompanjanti, kif ukoll kull informazzjoni oħra komunikata fir-rigward ta' dawn it-talbiet għandha tintbagħat bin-netwerk tas-CCN, sakemm dan ma jkunx prattiku għal raġunijiet tekniċi.

2. Id-dokumenti trażmessi f'forma elettronika jew f'forma stampata għandhom jitqiesu li għandhom l-istess effett legali bħad-dokumenti trażmessi bil-posta.

3. Jekk talba ma tistax tiġi trażmessa permezz tan-netwerk CCN, għandha tiġi trażmessa bil-posta. F'dan il-każ għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin:

(a) it-talba għandha tkun iffirmata minn uffiċjal tal-awtorità applikanti, li jkun ġie debitament awtorizzat biex jagħmel tali talba;

(b) il-formola standard li takkompanja t-talba għan-notifika, msemmija fit-tieni sottoparagrafu tal-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2010/24/UE (minn issa 'l quddiem imsejħa "il-formola uniformi ta' notifika") jew l-istrument uniformi li jippermetti l-infurzar fl-Istat Membru li rċieva t-talba msemmi fl-Artikolu 12 ta' dik id-Direttiva għandhom ikunu ffirmati minn uffiċjal debitament awtorizzat tal-awtorità applikanti;

(ċ) jekk it-talba tkun akkompanjata b'kopja ta' dokument ieħor apparti l-formola uniformi ta' notifika jew l-istrument uniformi li jippermetti l-infurzar fl-Istat Membru li rċieva t-talba, l-awtorità applikanti għandha tiċċertifika l-konformità ta' din il-kopja mal-oriġinal, billi tiddikjara f'din il-kopja, bil-lingwa uffiċjali jew waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru fejn tkun tinsab, il-kelmiet "ċertifikat bħala kopja vera", l-isem tal-uffiċjal li għamel iċ-ċertifikazzjoni u d-data ta' dik iċ-ċertifikazzjoni.

▼B

Għall-finijiet tal-punt (b) tal-ewwel sottoparagrafu, l-Istati Membri għandhom jużaw il-formola uniformi ta' notifika stabbilita skont il-mudell indikat fl-Anness I għal dan ir-Regolament u l-istrument uniformi li jippermetti l-infurzar fl-Istat Membru li rċieva t-talba stabbilit skont il-mudell indikat fl-Anness II għal dan ir-Regolament.

4. Fejn il-formola uniformi ta' notifika jew l-istrument uniformi li jippermetti l-infurzar fl-Istat Membru li rċieva t-talba jiġu trażmessi b'mezzi elettroniċi, l-istruttura u l-forma tagħhom jistgħu jiġu adattati għall-kundizzjoni tas-sistema ta' komunikazzjoni elettronika sabiex tiġi faċilitata l-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti, sakemm is-sett ta' dejta u l-informazzjoni fihom ma jiġux mibdula b'mod sostanzjali fir-rigward tal-mudelli stabbiliti fl-Annessi I u II.

Artikolu 3

1. L-awtorità applikanti tista' tagħmel talba għal għajnuna fir-rigward jew għal talba waħda jew għal diversi talbiet fejn dawn jistgħu jiġu rkuprati mingħand l-istess persuna.

2. It-talba għall-informazzjoni, irkupru jew miżuri kawtelatorji tista' tkun relatata ma' kwalunkwe persuna minn dawn li ġejjin:

(a) id-debitur prinċipali jew kodebitur;

(b) persuna oħra apparti kodebitur, li tkun responsabbli biex tħallas dawk it-taxxi, dazji u miżuri oħra, jew għal talbiet oħra relatati ma' dawk it-taxxi, dazji u miżuri oħra taħt il-liġi fis-seħħ fl-Istat Membru fejn tkun tinsab l-awtorità applikanti;

(ċ) kull parti terza li jkollha assi li jappartjenu lil jew li jkollhom dejn ma' waħda mill-persuni msemmija fil-punti (a) jew (b).

Artikolu 4

L-informazzjoni u d-dettalji l-oħra ikkommunikati mill-awtorità li rċeviet it-talba, lill-awtorità applikanti għandhom skont l-Artikoli 5(1), 8, 10 u 16(1) tad-Direttiva 2010/24/UE jintbagħtu fil-lingwa uffiċjali jew waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru tal-awtorità li rċeviet it-talba jew f'lingwa oħra miftiehma bejn l-applikant u l-awtoritajiet li rċevew it-talba.

Artikolu 5

Jekk l-awtorità li rċeviet it-talba tirrifjuta li tittratta t-talba għall-għajnuna, għandha tinnotifika lill-awtorità applikanti bir-raġunijiet tar-rifjut, filwaqt li tispeċifika d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2010/24/UE li tkun qed tibbaża fuqhom. Tali notifika għandha tingħata mill-awtorità li rċeviet it-talba hekk kif tieħu d-deċiżjoni tagħha u, ikun xi jkun il-każ, fi żmien xahar mid-data tar-rikonoxximent li rċeviet it-talba.

▼B

Artikolu 6

Kull talba għall-informazzjoni jew għall-irkupru jew għal miżuri kawtelatorji għandha tindika jekk ġietx indirizzata talba simili lil xi awtorità oħra.

KAPITOLU II

TALBIET GĦAL INFORMAZZJONI

Artikolu 7

L-awtorità li rċeviet it-talba għandha tirrikonoxxi li rċeviet it-talba għall-informazzjoni mill-aktar fis possibbli u, ikun xi jkun il-każ, fi żmien sebat ijiem kalendarji minn meta tkun irċevietha.

Malli tirċievi t-talba, l-awtorità li rċeviet it-talba għandha, fejn ikun xieraq, titlob lill-awtorità applikanti sabiex tipprovdi kwalunkwe informazzjoni addizzjonali meħtieġa. L-awtorità applikanti għandha tipprovdi l-informazzjoni addizzjonali kollha meħtieġa li normalment ikollha aċċess għaliha.

Artikolu 8

1. L-awtorità li rċeviet it-talba għandha tittrażmetti kull punt tal-informazzjoni mitluba lill-awtorità applikanti kif u meta jinkiseb.

2. Fejn, fir-rigward tal-partikularità ta' każ, l-informazzjoni kollha jew partijiet minnha ma jkunux jistgħu jinkisbu f'perjodu ta' żmien raġonevoli, l-awtorità li rċeviet it-talba għandha tinforma lill-awtorità applikanti b'dan u tiddikjara r-raġunijiet.

Ikun xi jkun il-każ, fi tmiem sitt xhur mid-data tar-rikonoxximent li ġiet riċevuta t-talba, l-awtorità li rċeviet it-talba għandha tinforma lill-awtorità applikanti bir-riżultat tal-investigazzjonijiet li tkun wettqet sabiex tikseb l-informazzjoni mitluba.

Fuq il-bażi tal-informazzjoni li tkun waslet mill-awtorità li rċeviet it-talba, l-awtorità applikanti tista' titlob lill-awtorità li rċeviet it-talba biex tkompli l-investigazzjoni tagħha. Dik it-talba għandha ssir fi żmien xahrejn minn meta tiġi riċevuta n-notifika tar-riżultat tal-investigazzjonijiet imwettqa mill-awtorità li rċeviet it-talba, u għandha tkun ittrattata mill-awtorità li rċeviet it-talba skont id-dispożizzjonijiet li japplikaw għat-talba inizjali.

Artikolu 9

L-awtorità applikanti tista', f'kull żmien, tirtira t-talba għall-informazzjoni li tkun bagħtet lill-awtorità li rċeviet it-talba. Id-deċiżjoni ta' rtirar għandha tkun trażmessa lill-awtorità li rċeviet it-talba.

KAPITOLU III

TALBIET GĦAL NOTIFIKA

Artikolu 10

1. Kull talba għal notifika għandha tinkludi l-oriġinal jew kopja ċertifikata ta' kull dokument, li tiegħu tkun qed tintalab notifika.

▼B

Il-formola uniformi ta' notifika li takkumpanja t-talba skont it-tieni sottoparagrafu tal-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2010/24/UE għandha timtela' minn jew taħt ir-responsabbiltà tal-awtorità applikanti. Hija għandha tipprovdi informazzjoni lid-destinatarji fir-rigward tad-dokumenti li għalihom tkun intalbet assistenza ta' notifika.

2. Fir-rigward tal-informazzjoni msemmija fil-formola uniformi ta' notifika, għandu japplika dan li ġej:

(a) l-ammont tat-talba għandu jissemma fejn ikun diġà stabbilit;

(b) l-indikazzjoni tal-perjodu li fih in-notifika għandha tiġi affettwata jista' jsir b'indikazzjoni tad-data li qabilha l-awtorità applikanti jkollha l-ħsieb li sseħħ in-notifika.

Artikolu 11

It-talba għan-notifika tista' tkun relatata ma' kull persuna msemmija fl-Art. 3(c) tad-Direttiva 2010/24/UE li, skont il-liġi fis-seħħ fl-Istat Membru applikanti, hija meħtieġa li tiġi infurmata b'kull dokument li jirrigwarda lil dik il-persuna.

Artikolu 12

1. L-awtorità li rċeviet it-talba għandha tirrikonoxxi li rċeviet it-talba għan-notifika mill-aktar fis possibbli u, ikun xi jkun il-każ, fi żmien sebat ijiem kalendarji minn meta tirċeviha.

Malli tirċievi t-talba għan-notifika, l-awtorità li rċeviet it-talba għandha tieħu l-miżuri meħtieġa biex issir in-notifika skont il-liġi fis-seħħ fl-Istat Membru fejn tinsab.

Jekk ikun meħtieġ, imma mingħajr ma tkun kompromessa d-data finali għan-notifika indikata fit-talba għan-notifika, l-awtorità li rċeviet it-talba għandha titlob lill-awtorità applikanti biex tipprovdi informazzjoni addizzjonali.

L-awtorità applikanti għandha tipprovdi l-informazzjoni addizzjonali kollha li normalment ikollha aċċess għaliha.

▼M1

2. L-awtorità rikjesta għandha tinforma lill-awtorità applikanti bid-data u bil-mod ta' notifikazzjoni ħekk kif din issir, billi tiċċertifika n-notifikazzjoni fil-formola tat-talba li tintbagħat lura lill-awtorità applikanti.

▼B

Artikolu 13

1. Notifika li ssir mill-Istat Membru li rċieva t-talba skont il-liġijiet, ir-regolamenti u l-prattiki amministrattivi fis-seħħ f'dak l-Istat Membru, għandha titqies li għandha l-istess effett fl-Istat Membru applikanti daqs li kieku saret mill-Istat Membru applikanti innifsu skont il-liġijiet, ir-regolamenti u l-prattiki amministrattivi fis-seħħ fl-Istat Membru applikanti.

▼B

2. Notifika ta’ dokument relatat ma’ aktar minn tip wieħed ta’ taxxa, dazju jew miżura oħra, għandha titqies li hija valida jekk issir minn awtorità ta’ Stat Membru li rċieva t-talba li hija kompetenti għall-anqas għal waħda mit-taxxi, dazji jew miżuri oħra msemmija f’dak id-dokument notifikat, sakemm għandha l-permess taħt il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru li rċieva t-talba.

Artikolu 14

Għall-finijiet tan-notifika, l-Istat Membru li rċieva t-talba jista’ juża l-formola uniformi ta’ notifika, msemmija fl-Artikolu 10(1) bil-lingwa uffiċjali tiegħu jew b’waħda mil-lingwi uffiċjali tiegħu skont il-liġi nazzjonali tiegħu.

KAPITOLU IV

IT-TALBIET GĦAL IRKUPRU JEW GĦAL MIŻURI KAWTELATORJI

▼M1

Artikolu 15

1. It-talbiet għall-irkupru jew għall-miżuri kawtelatorji għandhom jinkludu dikjarazzjoni li l-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 2010/24/UE biex jingħata bidu għall-proċedura ta' għajnuna reċiproka jkunu ġew issodisfati.

2. Fil-każ ta' talba għall-miżuri kawtelatorji, din id-dikjarazzjoni tista' tiġi ssupplimentata minn dikjarazzjoni li tispeċifika r-raġunijiet u ċ-ċirkustanzi tat-talba, stabbilita skont il-mudell stipulat fl-Anness III.

▼B

Artikolu 16

1. L-istrument uniformi li jippermetti l-infurzar fl-Istat Membru li rċieva t-talba li jakkumpanja t-talba għall-irkupru jew għal miżuri kawtelatorji għandu jsir minn jew taħt ir-responsabbiltà tal-awtorità applikanti, fuq il-bażi tal-istrument inizjali li jippermetti l-infurzar fl-Istat Membru applikanti.

Il-penali, multi, miżati u sovvramposti amministrattivi msemmija fl-Art. 2(2)(a) tad-Direttiva 2010/24/UE u l-interessi u l-ispejjeż imsemmija fl-Art. 2(2)(c) ta’ dik id-Direttiva li, f’konformità mar-regoli fis-seħħ fl-Istat Membru applikanti, jistgħu jkunu dovuti mid-data tal-istrument inizjali li jippermetti l-infurzar sad-data qabel id-data li fiha tintbagħat it-talba ta’ irkupru, jistgħu jiżdiedu fl-istrument uniformi li jippermetti l-infurzar fl-Istat Membru li rċieva t-talba.

▼M1

2. Strument uniformi uniku li jippermetti l-infurzar fl-Istat Membru li rċieva t-talba jista' jinħareġ fir-rigward ta' diversi talbiet u diversi persuni, li jikkorrispondi għall-istrument jew għall-istrumenti inizjali li jippermettu l-infurzar fl-Istat Membru applikanti.

▼B

3. F'dak li għandu x'jaqsam mal-istrumenti inizjali li jippermettu l-infurzar għal għadd ta' talbiet fl-Istat Membru applikanti diġà ġew sostitwiti bi strument globali li jippermetti l-infurzar ta' dawn it-talbiet kollha f'dak l-Istat Membru, l-istrument uniformi li jippermetti l-infurzar fl-Istat Membru li rċieva t-talba jista' jkun bażat fuq l-istrumenti inizjali li jippermettu l-infurzar fl-Istat Membru applikanti jew fuq dak l-istrument globali li jgħaqqad fi grupp dawk l-istrumenti inizjali fl-Istat Membru applikanti.

▼M1

3a. Fejn l-istrument inizjali msemmi fil-paragrafu 2 jew l-istrument globali msemmi fil-paragrafu 3 jkun jinkludi diversi talbiet, li minnhom almenu waħda tkun diġà nġabret jew ġiet irkuprata, l-istrument uniformi li jippermetti l-infurzar fl-Istat Membru li rċieva t-talba għandu jirreferi biss għal dawk it-talbiet li tintalab l-assistenza fl-irkupru tagħhom.

3b. Fejn l-istrument inizjali msemmi fil-paragrafu 2 jew l-istrument globali msemmi fil-paragrafu 3 jkun jinkludi diversi talbiet, l-awtorità applikanti tista' telenka dawk it-talbiet fi strumenti uniformi differenti li jippermettu l-infurzar fl-Istat Membru li rċieva t-talba, skont id-diviżjoni tal-kompetenzi relatati mat-tip tat-taxxa tal-uffiċċji tal-irkupru rispettivi fl-Istat Membru li rċieva t-talba.

▼B

4. Sabiex jiġu infurzati t-talbiet li għalihom tintalab għajnuna ta' irkupru, l-Istat Membru li rċieva t-talba jista' juża l-istrument uniformi li jippermetti l-infurzar f'dak l-Istat Membru fil-lingwa uffiċjali tiegħu jew f'waħda mil-lingwi uffiċjali tiegħu skont il-liġi nazzjonali tiegħu.

Artikolu 17

Id-destinatarju ta' talba ta' miżuri ta' rkupru jew kawtelatorji jista' ma jiddependix fuq notifika jew komunikazzjoni tal-istrument uniformi li jippermetti infurzar fl-Istat Membru li rċieva t-talba biex jitlob prolongazzjoni jew li jerġa' jinfetaħ il-perjodu ta' żmien biex tiġi kontestata t-talba jew l-istrument inizjali li jippermetti l-infurzar jekk dan ikun ġie notifikat b'mod validu.

Artikolu 18

1. Jekk il-valuta tal-Istat Membru li rċieva t-talba hija differenti mill-valuta tal-Istat Membru applikanti, l-awtorità applikanti għandha tfisser l-ammont tat-talba li għandha tkun irkuprata fiż-żewġ valuti.

▼M1

2. Ir-rata tal-kambju li għandha tintuża għall-fini tal-għajnuna ta' rkupru għandha tkun ir-rata tal-kambju ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew fid-data ta' qabel dik li fiha tintbagħat it-talba. Jekk tali rata ma tkunx disponibbli f'dik id-data, ir-rata tal-kambju għandha tkun l-aktar rata tal-kambju reċenti ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew qabel id-data li fiha tintbagħat it-talba.

▼B

Artikolu 19

1. L-awtorità li rċeviet it-talba, mill-aktar fis possibbli u, ikun xi jkun il-każ, fi żmien sebat ijiem kalendarji minn meta tirċievi t-talba għall-irkupru jew għall-miżuri kawtelatorji, għandha tirrikonoxxi li rċeviet it-talba.

2. L-awtorità li rċeviet it-talba tista' titlob lill-awtorità applikanti biex tipprovdi informazzjoni addizzjonali jew biex tiffinalizza l-istrument uniformi li jippermetti l-infurzar fl-Istat Membru li rċieva t-talba, jekk ikun meħtieġ. L-awtorità applikanti għandha tipprovdi l-informazzjoni addizzjonali kollha meħtieġa li normalment ikollha aċċess għaliha.

Artikolu 20

1. Fejn, fir-rigward tal-partikularità ta' każ, it-talba kollha jew partijiet minnha ma jkunux jistgħu jiġu rkuprati jew il-miżuri kawtelatorjii ma jistgħux jittieħdu f'perjodu ta' żmien raġonevoli, l-awtorità li rċeviet it-talba għandha tinforma lill-awtorità applikanti b'dan u tiddikjara r-raġunijiet.

Fuq il-bażi tal-informazzjoni riċevuta mill-awtorità li rċeviet it-talba, l-awtorità applikanti tista' teħtieġ li din tal-aħħar terġa' tiftaħ il-proċedura għall-irkupru jew il-miżuri kawtelatorji. Dik it-talba għandha ssir fi żmien xahrejn minn meta tiġi riċevuta n-notifika tar-riżultat ta' dik il-proċedura u għandha tkun ittrattata mill-awtorità li rċeviet it-talba skont id-dispożizzjonijiet li japplikaw għat-talba inizjali.

2. Mhux aktar tard minn tmiem kull perjodu ta' sitt xhur wara d-data ta' rikonoxximent li ġiet riċevuta t-talba, l-awtorità li rċeviet it-talba għandha tinforma lill-awtorità applikanti bl-istat ta' progress jew bir-riżultat tal-proċedura għall-irkupru jew għall-miżuri kawtelatorji.

Artikolu 21

1. Kwalunkwe azzjoni li tikkontesta t-talba jew l-istrument li jippermetti li tiġi infurzata li tittieħed fl-Istat Membru tal-awtorità applikanti għandha tiġi nnotifikata lill-awtorità li rċeviet it-talba mill-awtorità applikanti immedjatament wara li l-awtorità applikanti tkun ġiet informata b'tali azzjoni.

2. Jekk il-liġijiet, ir-regolamenti jew il-prattiċi amministrattivi fis-seħħ fl-Istat Membru li rċieva t-talba ma jippermettux miżuri kawtelatarji jew l-irkupru mitlub taħt it-tieni u t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 14(4) tad-Direttiva 2010/24/UE, l-awtorità li rċeviet it-talba għandha tinnotifika l-awtorità applikanti b'dan kemm jista' jkun malajr u f'kull każ fi żmien xahar minn mindu tirċievi n-notifika msemmija fil-paragrafu 1.

3. L-awtorità li rċeviet it-talba għandha tinnotifika kwalunkwe azzjoni li tittieħed fl-Istat Membru li rċieva t-talba għar-rimbors tas-somom irkuprati jew għall-kumpens b'relazzjoni għall-irkupru tat-talbiet ikkontestati skont it-tielet sottoparagrafu tal-Artikolu 14(4) tad-Direttiva 2010/24/UE lill-awtorità applikanti immedjatament wara li l-awtorità li rċeviet it-talba tkun ġiet informata b'tali azzjoni.

L-awtorità li rċeviet it-talba għandha, sakemm ikun possibbli, tinvolvi lill-awtorità applikanti fil-proċeduri sabiex jitħallsu l-ammont li għandu jiġi rrimborsat u l-kumpens dovut. Fuq talba raġunata mingħand l-awtorità li rċeviet it-talba, l-awtorità applikanti għandha titrasferixxi s-somom rimborsati u l-kumpens imħallas fi żmien xahrejn minn meta tiġi riċevuta dik it-talba.

▼B

Artikolu 22

1. Jekk it-talba għall-irkupru jew għall-miżuri kawtelatorji ma jkollhiex aktar fini minħabba l-ħlas tat-talba jew il-kanċellazzjoni tagħha jew għal kwalunkwe raġuni oħra, l-awtorità applikanti għandha tinforma immedjatament lill-awtorità li rċeviet it-talba sabiex din tal-aħħar tkun tista' twaqqaf kwalunkwe azzjoni li tkun ħadet.

2. Fejn l-ammont tat-talba li huwa s-soġġett tat-talba ta' irkupru jew għal miżuri prekazjonarji huwa aġġustat b'deċiżjoni ta' korp kompetenti msemmi fl-Art. 14(1) tad-Direttiva 2010/24/UE, l-awtorità applikanti għandha tinforma lill-awtorità li rċeviet it-talba b'dik id-deċiżjoni, u jekk jintalab l-irkupru, tikkomunika strument uniformi rivedut li jippermetti l-infurzar fl-Istat Membru li rċieva t-talba. Dan l-istrument uniformi rivedut li jippermetti l-infurzar fl-Istat Membru li rċieva t-talba għandu jsir minn jew taħt ir-responsabbiltà tal-awtorità applikanti, fuq il-bażi tad-deċiżjoni li taġġusta l-ammont tat-talba.

3. Strument uniformi rivedut li jippermetti l-infurzar fl-Istat Membru li rċieva t-talba ma jkollu ebda konsegwenza fir-rigward tal-possibbiltajiet biex tiġi kontestata t-talba inizjali, l-istrument inizjali li jippermetti l-infurzar fl-Istat Membru applikanti jew id-deċiżjoni msemmija fis-sottoparagrafu preċedenti.

4. Jekk l-aġġustament msemmi fil-paragrafu 2 jinvolvi tnaqqis fl-ammont tat-talba, l-awtorità li rċeviet it-talba għandha tkompli bl-azzjoni li ħadet sabiex tagħmel l-irkupru jew tieħu miżuri kawtelatorji, imma dik l-azzjoni għandha tkun limitata għall-ammont li jkun għadu pendenti.

Jekk, fiż-żmien meta l-awtorità li rċeviet it-talba tiġi informata bit-tnaqqis fl-ammont tat-talba, ammont li jeċċedi l-ammont li għadu ma tħallasx diġà jkun ġie rkuprat minnha imma l-proċedura ta' trasferiment li tissemma fl-Artikolu 23 tkun għadha ma nbdietx, l-awtorità li rċeviet it-talba għandha tħallas lura l-ammont żejjed li tħallas lill-persuna intitolata għalih.

▼M1

5. Jekk l-aġġustament imsemmi fil-paragrafu 2 jinvolvi żieda fl-ammont tat-talba, l-awtorità applikanti tista' tindirizza lill-awtorità li rċeviet it-talba emendata għall-irkupru jew għal miżuri kawtelatorji.

Dik it-talba emendata għandha, kemm jista' jkun, tkun ittrattata mill-awtorità li rċeviet it-talba fl-istess ħin bħat-talba oriġinali mill-awtorità applikanti. Fejn, minħabba l-istat ta' progress tal-proċedura eżistenti, ma jkunx possibbli li t-talba emendata tiġi kkonsolidata mat-talba inizjali, jenħtieġ li l-awtorità li rċeviet it-talba tikkonforma mat-talba emendata biss jekk tkun tikkonċerna ammont li ma jkunx anqas minn dak imsemmi fl-Artikolu 18(3) tad-Direttiva 2010/24/UE.

▼B

6. Sabiex tikkonverti l-ammont tat-talba li jirriżulta mill-aġġustament imsemmi fil-paragrafu 2 fil-munita tal-Istat Membru tal-awtorità li rċeviet it-talba, l-awtorità applikanti għandha tuża r-rata tal-kambju li ntużat fit-talba inizjali tagħha.

▼B

Artikolu 23

1. ►M1 L-ammonti li jridu jintbagħtu lill-awtorità applikanti, skont l-Artikolu 13(5) tad-Direttiva 2010/24/UE, għandhom jiġu trasferiti lill-awtorità applikanti f'euro, sakemm l-Istati Membri ma ftehmux biex jittrasferixxu l-ammonti rkuprati f'munita oħra.

It-trasferiment tal-ammonti rkuprati għandu jsir fi żmien xahrejn mid-data li fiha jkun sar l-irkupru, sakemm ma jkunx maqbul mod ieħor bejn l-Istati Membri. ◄

Madanakollu, jekk il-miżuri ta' rkupru applikati mill-awtorità li rċeviet it-talba jiġu kontestati għal raġuni li ma taqax taħt ir-responsabbiltà tal-Istat Membru applikanti, l-awtorità li rċeviet it-talba tista' tistenna biex titrasferixxi kwalunkwe somom irkuprati f'relazzjoni mat-talba tal-Istat Membru applikanti, sakemm tissolva t-tilwima, jekk dawn il-kundizzjonijiet segwenti jiġu sodisfatti simultanjament:

(a) l-awtorità li rċeviet it-talba tara li x'aktarx ir-riżultat tal-kontestazzjoni jkun favur il-parti konċernata, u

(b) l-awtorità applikanti ma tkunx iddikjarat li tirrimborsa s-somom diġà trasferiti jekk ir-riżultat tal-kontestazzjoni jkun favur il-parti konċernata.

Jekk l-awtorità applikanti tkun għamlet dikjarazzjoni li tirrimborsa skont il-punt (b) tat-tielet sottoparagrafu, hija għandha tirritorna l-ammonti rkuprati diġà trasferiti mill-awtorità li rċeviet it-talba fi żmien xahar minn mindu tirċievi t-talba tar-rimbors. Kull kumpens ieħor dovut, f'dak il-każ, għandu jkun responsabbiltà tal-awtorità li rċeviet it-talba.

2. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jaqblu dwar arranġamenti differenti għat-trasferiment tal-ammonti taħt il-limitu applikat skont l-Artikolu 18(3) tad-Direttiva 2010/24/UE.

Artikolu 24

Irrispettivament minn kwalunkwe ammont miġbur mill-awtorità li rċeviet it-talba bħala l-imgħax li jissemma fl-Artikolu 13(4) tad-Direttiva 2010/24/UE, it-talba għandha titqies li ġiet irkuprata fi proporzjon għall-ikrupru tal-ammont espress fil-munita nazzjonali tal-Istat Membru tal-awtorità li rċeviet it-talba, fuq il-bażi tar-rata tal-kambju li tissemma' fl-Artikolu 18(2) ta' dan ir-Regolament.

KAPITOLU V

ID-DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 25

Ir-Regolament (KE) Nru 1179/2008 huwa hawnhekk revokat.

Artikolu 26

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2012.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

▼**M1**

ANNESS I

Formola uniformi ta' notifika li tipprovdi informazzjoni dwar id-dokument(i) notifikat(i)

(biex tiġi trażmessa lid-destinatarju tan-notifika) [1] [2]

Dan id-dokument, stabbilit skont ☐ *l-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1189/2011* jakkumpanja d-dokument(i) hawn notifikat(i) mill-awtorità kompetenti tal-Istat li ġej: [isem tal-Istat li rċieva t-talba].

Din in-notifika tikkonċerna dokumenti tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat li ġej: [isem tal-Istat applikant], li talab għal assistenza ta' notifika, skont ☐ *l-Artikolu 8 tad-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE*.

A. ID-DESTINATARJU TAN-NOTIFIKA

— Isem:

— *Indirizz (magħruf jew maħsub):*

— *Dejta oħra rilevanti għall-identifikazzjoni tad-destinatarju:*

B. L-ISKOP TAN-NOTIFIKA

Din in-notifika hija maħsuba biex:

☐ *tinforma lid-destinatarju, dwar id-dokument(i) li miegħu/magħhom huwa mehmuż dan id-dokument.*

☐ *tinterrompi l-perjodu ta' limitazzjoni fir-rigward tat-talba/talbiet imsemmija fid-dokument(i) notifikat(i).*

☐ *tagħti konferma lid-destinatarju dwar l-obbligu tiegħu biex iħallas l-ammonti msemmija taħt il-punt D.*

Jekk jogħġbok innota li f'każ li ma jsirx ħlas, l-awtoritajiet jistgħu jieħdu miżuri kawtelatorji jew ta' infurzar biex jiżguraw l-irkupru tat-talba/talbiet. Dan jista' jwassal għal iżjed spejjeż li jkollu jħallas id-destinatarju.

Int id-destinatarju ta' din in-notifika, minħabba li int meqjus bħala:

☐ *id-debitur prinċipali*

☐ *kodebitur*

☐ *persuna oħra apparti d-debitur (u l-kodebitur), responsabbli għall-ħlas tat-taxxi, dazji u miżuri oħra, jew għal talbiet oħra relatati ma' dawn it-taxxi, dazji u miżuri oħra, skont il-liġijiet fis-seħħ fl-Istat applikant*

☐ *persuna oħra apparti d-debitur (u l-kodebitur), li għandha assi li jappartjenu lil, jew li għandhom dejn lejn, id-debitur (u l-kodebitur) jew xi persuna oħra responsabbli*

☐ *parti terza li tista' tiġi affettwata b'miżuri ta' infurzar li jirrigwardaw persuni oħra*

(L-informazzjoni segwenti ser tidher jekk id-destinatarju tan-notifika huwa persuna oħra apparti d-debitur (u l-kodebitur),li jkollha assi li jappartjenu lil, jew li jkollhom dejn lejn, id-debitur (u l-kodebitur) jew xi persuna oħra responsabbli, jew parti terza li tista' tiġi affettwata b'miżuri ta' infurzar li jirrigwardaw persuni oħra:

(1) L-elementi bil-korsiv mhumiex obbligatorji.

(2) Fejn din il-formola tiġi trażmessa b'mezzi elettroniċi, l-istruttura u t-tqassim tagħha jistgħu jiġu adattati għall-ħtiġijiet tas-sistema ta' komunikazzjoni elettronika, sakemm is-sett tad-dejta u l-informazzjoni li hemm fiha ma jinbidlux sostanzjalment.

▼**M1**

Id-dokumenti notifikati jirrigwardaw talbiet relatati ma' taxxi u ma' dazji, li għalihom huma responsabbli l-persuna(i) segwenti bħala

☐ *id-debitur prinċipali: [isem u indirizz (magħruf jew maħsub)]*

☐ *kodebitur: [isem u indirizz (magħruf jew maħsub)]*

☐ *persuna oħra apparti d-debitur (u l-kodebitur), responsabbli għall-ħlas tat-taxxi, dazji u miżuri oħra, jew għal talbiet oħra relatati ma' dawn it-taxxi, dazji u miżuri oħra, skont il-liġijiet fis-seħħ fl-Istat applikant: [isem u indirizz (magħruf jew maħsub)]).*

L-awtorità applikanti tal-Istat applikant (isem tal-Istat applikant) stiednet lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat li rċieva t-talba (isem tal-Istat li rċieva t-talba) biex jagħmlu din in-notifika qabel [data]. Jekk jogħġbok innota li din id-data mhijiex relatata speċifikament ma' xi perjodu ta' limitazzjoni.

C. UFFIĊĊJU/I RESPONSABBLI GĦAD-DOKUMENT(I) NOTIFIKAT(I)

Uffiċċju responsabbli fir-rigward tad-dokument(i) mehmuż(a):

— Isem:

— *Indirizz:*

— *Dettalji oħra ta' kuntatt:*

— *Lingwa(i) li biha/bihom dan l-uffiċċju jista' jiġi kkuntattjat:*

Aktar tagħrif dwar ☐ *id-dokument(i) notifikat(i)* ☐ *u/jew il-possibbiltà li jiġu kkontestati l-obbligi* jista' jinkiseb

☐ *fl-uffiċċju msemmi hawn fuq responsabbli fir-rigward tad-dokument(i) mehmuż(a), u/jew*

☐ *mill-uffiċċju li ġej:*

— *Isem:*

— *Indirizz:*

— *Dettalji oħra ta' kuntatt:*

— *Lingwa(i) li biha/bihom dan l-uffiċċju jista' jiġi kkuntattjat:*

D. DESKRIZZJONI TAD-DOKUMENT(I) NOTIFIKAT(I)

Dokument [numru]

— Numru ta' referenza:

— Data tal-istabbiliment:

— In-natura tad-dokument notifikat:

☐ *Valutazzjoni tat-taxxa*

☐ *Ordni ta' ħlas*

☐ *Deċiżjoni wara appell amministrattiv*

☐ *Dokument amministrattiv ieħor:*

☐ *Sentenza jew ordni ta':*

☐ *Dokument ġudizzjarju ieħor:*

▼**M1**

— L-isem tat-talba/talbiet ikkonċernata(i) (fil-lingwa tal-Istat Membru applikant):

— In-natura tat-talba/talbiet ikkonċernata(i):

☐ a) *dazji doganali*

☐ b) *taxxa fuq il-valur miżjud*

☐ c) *dazji tas-sisa*

☐ d) *taxxa fuq dħul jew kapital*

☐ e) *taxxa fuq il-primjums tal-assigurazzjoni*

☐ f) *taxxi fuq wirt u donazzjoni*

☐ g) *taxxi u dazji nazzjonali fuq proprjetà immobbli, apparti dawk imsemmija hawn fuq*

☐ h) *taxxi u dazji nazzjonali fuq l-użu jew is-sjieda ta' mezzi tat-trasport*

☐ i) *taxxi u dazji oħra imposti minn jew f'isem l-Istat applikant*

☐ j) *taxxi u dazji imposti minn jew f'isem sottodiviżjonijiet territorjali jew amministrattivi tal-Istat applikant, eskluži taxxi u dazji imposti mill-awtoritajiet lokali*

☐ k) *taxxi u dazji imposti minn jew f'isem awtoritajiet lokali*

☐ l) *talba oħra bbażata fuq it-taxxa*

☐ m) *rifużjonijiet, interventi u miżuri oħra li jiffurmaw parti mis-sistema ta' finanzjar totali jew parzjali tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (l-FAEG) u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (l-FAEŻR), inkluż ammonti li jridu jinġabru f'konnessjoni ma' dawn l-azzjonijiet, u imposti u dazji oħra li hu previst għalihom fl-organizzazzjoni komuni tas-suq għas-settur taz-zokkor*

— *L-ammont tat-talba/talbiet ikkonċernata(i):*

☐ *Ammont prinċipali:*

☐ *Penali u multi amministrattivi:*

☐ *Interessi sa [data]:*

☐ *Spejjeż sa [data]*

☐ *Tariffi għal ċertifikati u dokumenti simili maħruġin f'konnessjoni ma' proċeduri amministrattivi relatati mat-talba msemmija fil-punt [x]:*

☐ *Ammont totali għal din/dawn it-talba/talbiet:*

— *L-ammont imsemmi fil-punt [x] għandu jitħallas:*

☐ *qabel:*

☐ *fi żmien [numru] jiem wara d-data ta' din in-notifika*

☐ *mingħajr aktar dewmien*

▼**M1**

— *Dan il-ħlas għandu jsir lil:*

— *Isem id-detentur tal-kont bankarju:*

— *In-Numru Internazzjonali tal-Kont tal-Bank (IBAN):*

— *Il-Kodiċi ta' Identifikazzjoni Bankarja (BIC):*

— *Isem tal-bank:*

— *Ir-referenza biex tintuża għall-ħlas:*

— *Id-destinatarju jista' jwieġeb għad-dokument(i) li huwa/huma hawnhekk notifikat(i).*

☐ *L-aħħar ġurnata biex twieġeb:*

☐ *Il-perjodu taż-żmien biex twieġeb:*

— *Isem u indirizz l-awtorità li lilha tista' tintbagħat tweġiba:*

— *Il-possibbiltà li tikkontesta:*

☐ *Il-perjodu ta' kontestazzjoni tat-talba jew tad-dokument(i) notifikat(i) diġà skada.*

☐ *L-aħħar ġurnata għall-kontestazzjoni tat-talba:*

☐ *Il-perjodu taż-żmien biex tiġi kkontestata t-talba: [numru ta' ġranet] wara*

☐ *id-data ta' din in-notifika.*

☐ *l-istabbiliment tad-dokument(i) notifikat(i)*

☐ *data oħra:*

— *Isem u indirizz l-awtorità li lilha għandha tintbagħat il-kontestazzjoni:*

Jekk jogħġbok innota li t-tilwimiet rigward talbiet, l-istrument li jippermetti l-infurzar jew kwalunkwe dokument ieħor li joriġina mill-awtoritajiet tal-Istat applikant (isem tal-Istat applikant), jaqgħu taħt il-kompetenza tal-korpi kompetenti tal-Istat applikant [isem tal-Istat applikant], skont ☐ l-Artikolu 14 tad-Direttiva 2010/24/UE.

Tali tilwimiet huma rregolati mir-regoli proċedurali u mir-regoli dwar il-lingwa li japplikaw fl-Istat applikant (isem tal-Istat applikant).

☐ *Jekk jogħġbok innota li l-irkupru jista' jibda qabel tmiem il-perjodu li fiha t-talba tista' tiġi kkontestata.*

— *Informazzjoni oħra:*

▼**M1**

ANNESS II

Strument uniformi li jippermetti l-infurzar tat-talbiet koperti □ *mid-Direttiva 2010/24/UE* (1) (2)

□ *STRUMENT UNIFORMI LI JIPPERMETTI L-INFURZAR TAT-TALBIET KOPERTI □ MID-DIRETTIVA 2010/24/UE*

— *Data tal-ħruġ:*

— *Numru ta' referenza:*

□ *STRUMENT UNIFORMI RIVEDUT LI JIPPERMETTI L-INFURZAR TAT-TALBIET KOPERTI □ MID-DIRETTIVA 2010/24/UE*

— *Data tal-ħruġ tal-istrument uniformi oriġinali:*

— *Data tar-reviżjoni:*

— *Raġuni għar-reviżjoni:*

□ *sentenza jew ordni ta' [isem tal-Qorti]ta' [data]*

□ *deċiżjoni amministrattiva ta' [data]*

— *Numru ta' referenza:*

Stat fejn inħareġ dan id-dokument: [Isem tal-Istat applikant]

□ *Kull Stat Membru tal-UE jista' jitlob għajnuna ta' rkupru mingħand Stati Membri oħra għal talbiet mhux imħallsa msemmija fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2010/24/UE. Din id-Direttiva ġiet adottata mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fis-16 ta' Marzu 2010 u għandha tiġi applikata fl-Istati Membri kollha tal-UE.*

Miżuri ta' rkupru meħuda fl-Istat li rċieva t-talba huma bbażati fuq:

□ *strument uniformi li jippermetti l-infurzar, skont □ l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2010/24/UE.*

□ *strument uniformi rivedut li jippermetti l-infurzar, skont □ l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2010/24/UE (biex jieħu kont tad-deċiżjoni tal-korp kompetenti msemmi fl-Artikolu 14(1) ta' dik id-Direttiva).*

Dan id-dokument huwa l-istrument uniformi li jippermetti l-infurzar (inklużi l-miżuri kawtelatorji). Huwa jikkonċerna t-talba/talbiet imsemmija hawn taħt, li jibqa'/jibqgħu mhux imħallas/imħallsin fl-Istat applikant (isem tal-Istat applikant). L-istrument inizjali għall-infurzar ta' din/dawn it-talba/talbiet ġie notifikat sal-grad meħtieġ taħt il-liġi nazzjonali tal-Istat applikant [isem tal-Istat Membru applikant].

Tilwimiet rigward it-talba/talbiet jaqgħu esklussivament fi ħdan il-kompetenza tal-korpi kompetenti tal-Istat applikant (isem tal-Istat Membru applikant), skont □ *l-Artikolu 14 tad-Direttiva 2010/24/UE*. Kull tali azzjoni trid tinġieb quddiemhom skont ir-regoli proċedurali u dwar il-lingwa fis-seħħ fl-Istat applikant (isem tal-Istat applikant).

(1) L-elementi bil-korsiv mhumiex obbligatorji.

(2) Fejn din il-formola tiġi trażmessa b'mezzi elettroniċi, l-istruttura u t-tqassim tagħha jistgħu jiġu adattati għall-ħtiġijiet u għall-possibiltajiet tas-sistema ta' komunikazzjoni elettronika, sakemm is-sett tad-dejta u l-informazzjoni li jkun hemm fiha ma jinbidlux sostanzjalment.

▼**M1**

DESKRIZZJONI TAT-TALBA/TALBIET U TAL-PERSUNA(I) KKONĊERNATA(I)

Identifikazzjoni tat-talba/talbiet (numru)

1. Referenza:

2. In-natura tat-talba/talbiet ikkonċernata(i):

   ☐ a) *dazji doganali*

   ☐ b) *taxxa fuq il-valur miżjud*

   ☐ c) *dazji tas-sisa*

   ☐ d) *taxxa fuq dħul jew kapital*

   ☐ e) *taxxa fuq il-primjums tal-assigurazzjoni*

   ☐ f) *taxxi fuq wirt u donazzjoni*

   ☐ g) *taxxi u dazji nazzjonali fuq proprjetà immobbli, apparti dawk imsemmija hawn fuq*

   ☐ h) *taxxi u dazji nazzjonali fuq l-użu jew is-sjieda ta' mezzi tat-trasport*

   ☐ i) *taxxi u dazji oħra imposti mill-Istat (applikant) jew f'ismu*

   ☐ j) *taxxi u dazji imposti mis-sottodiviżjonijiet territorjali jew amministrattivi tal-Istat (applikant) jew f'isimhom, eskluża taxxi u dazji imposti mill-awtoritajiet lokali*

   ☐ k) *taxxi u dazji imposti mill-awtoritajiet lokali jew f'isimhom*

   ☐ l) *talba oħra bbażata fuq it-taxxa*

   ☐ m) *rifużjonijiet, interventi u miżuri oħra li jiffurmaw parti mis-sistema ta' finanzjar totali jew parzjali tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (l-FAEG) u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (l-FAEŻR), inkluż ammonti li jridu jingħabru f'konnessjoni ma' dawn l-azzjonijiet, u imposti u dazji oħra li hu previst għalihom fl-organizzazzjoni komuni tas-suq għas-settur taz-zokkor*

3. Isem tat-taxxa/dazju kkonċernat(a):

4. Il-perjodu jew id-data kkonċernata:

5. Id-data tal-istabbiliment tat-talba:

6. Id-data li fiha l-infurzar isir possibbli:

7. L-ammont tat-talba li għadu dovut:

   ☐ *l-ammont prinċipali:*

   ☐ *penali u multi amministrattivi:*

   ☐ *interessi sad-data qabel il-jum li fih tintbagħat it-talba:*

   ☐ *spejjeż sad-data qabel il-jum li fih tintbagħat it-talba:*

   ☐ *tariffi għal ċertifikati u dokumenti simili maħruġin f'konnessjoni ma' proċeduri amministrattivi relatati mat-taxxa/dazju kkonċernat(a):*

   ☐ l-ammont totali ta' din it-talba:

▼**M1**

8. Data tan-notifika tal-istrument inizjali li jippermetti l-infurzar fl-Istat applikant: (isem tal-Istat applikant)

   ☐ *Data:*

   ☐ *Ma hemm l-ebda data disponibbli*

9. L-uffiċċju responsabbli għall-evalwazzjoni tat-talba:

   — Isem:

   — *Indirizz:*

   — *Dettalji oħra ta' kuntatt:*

   — *Lingwa(i) li biha/bihom dan l-uffiċċju jista' jiġi kkuntattjat:*

10. Aktar tagħrif dwar it-talba jew il-possibiltajiet ta' kontestazzjoni tal-obbligu tal-ħlas jista' jinkiseb:

    ☐ *mill-uffiċċju msemmi hawn fuq*

    ☐ *mill-uffiċċju responsabbli għall-Istrument uniformi li jippermetti l-infurzar:*

    — *Isem:*

    — *Indirizz:*

    — *Dettalji oħra ta' kuntatt:*

    — *Lingwa(i) li biha/bihom dan l-uffiċċju jista' jiġi kkuntattjat:*

Identifikazzjoni tal-persuna(i) kkonċernata(i) fl-istrument(i) nazzjonali li jippermetti(u) l-infurzar

a) Din il-persuna hija msemmija fl-istrument(i) nazzjonali li jippermetti(u) l-infurzar

   ☐ *persuna fiżika* ☐ *et al*

   — Isem

   — *Indirizz (magħruf jew maħsub)*

   — *Dejta oħra rilevanti għall-identifikazzjoni tad-destinatarju*

   ☐ *Rappreżentant legali*

   — Isem

   — *Indirizz (magħruf jew maħsub)*

   — *Dejta oħra rilevanti għall-identifikazzjoni tad-destinatarju*

   Kawża tal-imputabilità:

   ☐ *id-debitur prinċipali*

   ☐ *kodebitur*

   ☐ *persuna oħra apparti d-debitur (u l-kodebitur), responsabbli għall-ħlas tat-taxxi, dazji u miżuri oħra, jew għal talbiet oħra relatati ma' dawn it-taxxi, dazji u miżuri oħra, skont il-liġijiet fis-seħħ fl-Istat applikant*

▼**M1**

b) *il-persuna(i) li ġejja(in) hija/huma msemmija(in) ukoll fl-istrument(i) nazzjonali li jippermetti(u) l-infurzar:*

☐ *persuna fiżika* ☐ *et al*

— *Isem:*

— *Indirizz (magħruf jew maħsub):*

— *Dejta oħra rilevanti għall-identifikazzjoni tad-destinatarju:*

☐ *Rappreżentant legali*

— *Isem:*

— *Indirizz (magħruf jew maħsub):*

— *Dejta oħra rilevanti għall-identifikazzjoni tad-destinatarju:*

Kawża tal-imputabilità:

☐ *id-debitur prinċipali*

☐ *kodebitur*

☐ *persuna oħra apparti d-debitur (u l-kodebitur), responsabbli għall-ħlas tat-taxxi, dazji u miżuri oħra, jew għal talbiet oħra relatati ma' dawn it-taxxi, dazji u miżuri oħra, skont il-liġijiet fis-seħħ fl-Istat applikant*

Informazzjoni oħra

L-ammont totali globali tat-talba/talbiet

— fil-munita tal-Istat applikant:

— fil-munita tal-Istat li rċieva t-talba:

— f'EUR:

▼**M1**

ANNESS III

Dikjarazzjoni li tispeċifika r-raġunijiet u ċ-ċirkostanzi għal talba għal miżuri kawtelatorji

Isem il-lingwa(i) ta' dan id-dokument	
Dikjarazzjoni li tispeċifika r-raġunijiet u ċ-ċirkostanzi għal talba għal miżuri kawtelatorji [1] [2]	
abbażi ta':	*L-Artikolu 16 tad-Direttiva 2010/24/UE* …

Din id-dikjarazzjoni hija marbuta mat-talba għal miżuri kawtelatorji

Bir-referenza li ġejja:	Ref. …
mibgħuta mill-Istat applikant li ġej:	
għall-Istat li rċieva t-talba li ġej:	

Hija prevista l-informazzjoni li ġejja dwar ir-raġunijiet u ċ-ċirkostanzi speċifiċi għal din it-talba:

1. Informazzjoni ġenerali	
	1.1. *It-talba/talbiet huma s-suġġett ta' strument li jippermetti l-infurzar fl-Istat applikant li huwa kkontestat.*
	1.2. *It-talba/talbiet huma s-suġġett ta' strument li jippermetti l-infurzar fl-Istat applikant li mhuwiex ikkontestat.*
	1.3. *It-talba/talbiet għadhom mhumiex is-suġġett ta' strument li jippermetti l-infurzar fl-Istat applikant.*
	1.4. *It-talba/talbiet mhumiex ikkontestati.*
	1.5. *It-talba/talbiet ma jistgħux jiġu aktar ikkontestati b'appell amministrattiv/b'appell quddiem il-qrati.*
	1.6. *It-talba/talbiet huma kkontestati imma l-liġijiet, ir-regolamenti u l-prattiki amministrattivi fis-seħħ fl-Istat tal-awtorità applikanti jippermettu li jittieħdu miżuri kawtelatorji.*

2. Dokumenti u/jew raġunijiet ġustifikatorji	
	2.1. *Din it-talba hija akkumpanjata minn strument uniformi li jippermetti l-irkupru fl-Istat li rċieva t-talba.* *Nota: dan l-istrument uniformi li jippermetti l-infurzar fl-Istat li rċieva t-talba jippermetti wkoll lill-Istat li rċieva t-talba jieħu miżuri kawtelatorji (għal talbiet ibbażati fuq id-Direttiva 2010/24/UE: ara t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 12(1) ta' dik id-Direttiva).*

[1] L-elementi bil-korsiv mhumiex obbligatorji. Huwa ssuġġerit li jitneħħew is-subsezzjonijiet li mhumiex magħżulin.

[2] Fejn din il-formola tiġi trażmessa b'mezzi elettroniċi, l-istruttura u t-tqassim tagħha jistgħu jiġu adattati għall-ħtiġijiet u għall-possibiltajiet tas-sistema ta' komunikazzjoni elettronika, sakemm is-sett tad-dejta u l-informazzjoni li jkun hemm fiha ma jinbidlux sostanzjalment.

▼**M1**

	2.2. *Din ir-rikjesta hija bbażata fuq deċiżjoni amministrattiva (mehmuża) li tippermetti li jittieħdu miżuri kawtelatorji fl-Istat applikant, li fiha hemm l-evalwazzjoni li ġejja:*			
		2.2.1. *Evalwazzjoni amministrattiva fuq il-bżonn li jittieħdu miżuri kawtelatorji vvalutata minn:*		
		l-isem tal-awtorità:		
		l-indirizz tal-awtorità:		
		id-data ta' din id-deċiżjoni:	*JJ/XX/SSSS*	
		dettalji tal-persuna ta' kuntatt:		
		2.2.2. *Ċirkostanzi*		
			L-istrument li jippermetti l-infurzar huwa kkontestat.	
			It-talba/talbiet għadhom mhumiex is-suġġett ta' strument li jippermetti l-infurzar.	
			Il-kontestazzjoni tat-talba/talbiet min-naħa tad-debitur diġà ġiet miċħuda fl-ewwel istanza, iżda din id-deċiżjoni mhijiex finali.	
		2.2.3. *Din l-awtorità ppermettiet li jittieħdu miżuri kawtelatorji fl-Istat applikant skont il-liġi nazzjonali, fid-data li ġejja:*	*JJ/XX/SSSS*	
		2.2.4. *Il-miżuri kawtelatorji huma kkunsidrati bħala ġustifikati għar-raġunijiet li ġejjin, li juri l-urġenza u r-riskju li l-kollezzjoni u l-irkupru jistgħu jiġu ostakolati jew mfixklin b'mod qawwi.*		
			ammont għoli (stmat) tad-dejn (mistenni)/debitu sinifikanti	
			suspett ta' frodi	
			Il-persuna/persuni kkonċernati jippjanaw l-insolvenza	
			ristrutturazzjoni tal-assijiet	
			trasferiment ta' proprjetà	
			tentattiv sabiex jaħbu/jgħattu/jiddissipaw l-assijiet	
			ġestjoni traskurata tan-negozju	
			tibdil frekwenti ta' residenza	
			rilokazzjoni ta' proprjetà f'pajjiżi barranin	
			id-debitur mhuwiex qiegħed jirrispetta l-ftehimiet preċedenti dwar il-ħlas	
			elementi/raġunijiet oħra: ...	
		Spjegazzjoni qasira (aħjar issir): ...		

▼**M1**

	2.3. *Din it-talba hija bbażata fuq konferma ġudizzjarja (mehmuża) li l-miżuri kawtelatorji huma ġustifikati:*			
		2.3.1. *Evalwazzjoni ġudizzjarja fuq il-bżonn li jittieħdu miżuri kawtelatorji vvalutata minn:*		
		l-isem tal-qorti:		
		l-indirizz tal-qorti:		
		id-data tad-deċiżjoni:	*JJ/XX/SSSS*	
		(Dettalji tal-persuna ta' kuntatt)		
		2.3.2. *Il-Qorti ddeċidiet:*		
			fuq it-talba unilaterali tal-awtoritajiet tat-taxxa	
			wara l-kontestazzjoni tat-talba min-naħa tad-debitur, ta' persuna oħra responsabbli jew ta' persuna oħra soġġetta għall-miżuri kawtelatorji	
		2.3.3. *Din il-Qorti ppermettiet li jittieħdu miżuri kawtelatorji fl-Istat applikant skont il-liġi nazzjonali tiegħu, fid-data li ġejja:*	*JJ/XX/SSSS*	
	2.4. *Din it-talba għal miżuri kawtelatorji hija bbażata fuq ir-raġunijiet deskritti fid-dokument(i) mehmuż(a).*			
	2.5. *Il-miżuri kawtelatorji huma kkunsidrati bħala ġustifikati għar-raġunijiet li ġejjin, li juri l-urġenza u r-riskju li l-kollezzjoni u l-irkupru jistgħu jiġu ostakolati jew mfixklin b'mod qawwi.*			
		Ammont għoli (stmat) tad-dejn (mistenni)/livelli sinifikanti ta' dejn		
		Suspett ta' frodi		
		Il-persuna/persuni kkonċernati jippjanaw l-insolvenza		
		ristrutturazzjoni tal-assijiet		
		trasferiment ta' proprjetà		
		tentattiv sabiex jaħbu/jgħattu/jiddissipaw l-assijiet		
		ġestjoni traskurata tan-negozju		
		tibdil frekwenti ta' residenza		
		rilokazzjoni ta' proprjetà f'pajjiżi barranin		
		id-debitur mhuwiex qiegħed jirrispetta l-ftehimiet preċedenti dwar il-ħlas		
		elementi/raġunijiet oħra: ...		
		Spjegazzjoni qasira (aħjar issir): ...		

3. Informazzjoni oħra	
	3.1. *L-awtoritajiet tal-Istat li rċieva t-talba huma mitlubin biex ma jinfurmawx lid-debitur jew persuni oħra kkonċernati qabel il-bidu tal-miżuri kawtelatorji.*
	3.2. *Informazzjoni oħra: ...*